ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni dwar l-approvazzjoni ta' emenda standard għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(2021/C 32/14)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/33 ([1])

KOMUNIKAZZJONI TA' EMENDA STANDARD LI TEMENDA D-DOKUMENT UNIKU

"CORBIÈRES-BOUTENAC"

PDO-FR-A0670-AM01

Data tal-komunikazzjoni: 3.11.2020

DESKRIZZJONI U RAĠUNIJIET TAL-EMENDA APPROVATA

1. **Żona ġeografika u żona fil-viċinanza immedjata**

Il-punt IV - Iż-żona ġeografika u ż-żona fil-viċinanza immedjata – il-Kapitolu I – tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ġie kkompletat bir-referenza għall-kodiċi ġeografiku uffiċjali li jirrikonoxxi u jistabbilixxi l-lista tal-muniċipalitajiet skont id-département fil-livell nazzjonali. Din l-emenda editorjali tippermetti li ż-żona ġeografika tiġi riferuta għall-verżjoni fis-seħħ fl-2019 tal-kodiċi ġeografiku uffiċjali, ippubblikat mill-INSEE, u li jiġi żgurat li ż-żona ġeografika tkun legalment demarkata.

Id-Dokument Uniku għandu jiġi kkompletat b'din ir-referenza fil-punt "żona ġeografika" u fil-punt "żona fil-viċinanza immedjata".

2. **Żona tal-irqajja' demarkata**

Il-punt IV — Kapitolu I — tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ġie emendat biex jiġu sostitwiti l-kliem "L-inbejjed isiru esklussivament mid-dwieli" bil-kliem aktar preċiż "L-inbejjed ġejjin minn għeneb li jiġi minn irqajja'" li jinsabu fiż-żona tal-irqajja' ta' produzzjoni.

Din il-kitba mill-ġdid ma taffettwax id-Dokument Uniku.

3. **Il-varjetajiet tal-għeneb**

Il-punt V — Kapitolu I — tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott dwar il-varjetajiet tal-għeneb ġie emendat biex jitneħħew il-kunċetti tal-varjetajiet ta' dwieli ewlenin jew sekondarji. L-erba' varjetajiet ta' dwieli tad-denominazzjoni, Carignan N, Grenache N, Mourvèdre N u Syrah N baqgħu l-istess iżda kollha għandhom l-istess importanza bħala varjetajiet ta' dwieli ewlenin.

Din il-lista ta' varjetajiet ta' dwieli hija kkompletata b'regoli dwar il-proporzjon ta' dawn il-varjetajiet ta' dwieli fil-vinji ta' kull azjenda. Dawn ir-regoli ġew emendati biex tiżdied ir-rappreżentanza tal-Carignan għal aktar minn 30 % tal-varjetajiet ta' dwieli biex tiġi affermata l-predominanza tagħha fuq varjetajiet oħra.

L-intestatura "Varjetajiet ewlenin tal-għeneb tal-inbid" ta' dan id-Dokument Uniku ġiet emendata biex tinkludi l-erba' varjetajiet ta' dwieli. Titħassar il-lista tal-"varjetajiet sekondarji".

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

4. **Rendiment**

Fil-punt VIII — Kapitolu I — tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott dwar ir-rendiment tal-inbejjed DOP, ir-rendiment bażiku jitnaqqas minn 45 għal 42 hl/ha, u r-rendiment massimu jitnaqqas minn 54 għal 50 hl/ha sabiex jiġi adattat għal-livell ta' rendiment tal-inbejjed b'denominazzjonijiet prodotti fir-reġjun ta' Corbières.

L-emenda tar-rendiment massimu ġiet trasferita għall-punt "Rendimenti massimi" tad-Dokument Uniku.

5. **Prattiki ta' kultivazzjoni**

Fil-punt VI tal-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott dwar il-ġestjoni tad-dielja,

— it-tagħbija massima medja għal kull roqgħa art titnaqqas minn 7 500 għal 7 000 kg għal kull ettaru, b'rabta mat-tnaqqis fir-rendiment tal-inbid.

— l-irrigazzjoni tad-dwieli hija permessa. F'dan il-każ, it-tagħbija massima medja għal kull roqgħa art hija mnaqqsa għal 5 500 kg/ha.

Fil-punt VII tal-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott dwar il-ħsad, it-trasport u l-maturazzjoni tal-għeneb, titħassar id-dispożizzjoni li tispeċifika li l-għeneb tal-varjetà ta' dwieli Carignan huwa ttrasportat sħiħ lejn il-post fejn isir l-inbid. Din id-dispożizzjoni titneħħa mill-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott peress li taqa' aktar taħt il-prattika tajba milli taħt kundizzjoni tal-produzzjoni. Din titneħħa wkoll minħabba l-iżvilupp irreġistrat fil-qasam tat-trasport tal-ħsad.

Dawn l-emendi għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott jippermettu li l-kundizzjonijiet tal-produzzjoni jiġu adattati aħjar għar-realtajiet tal-art.

Dawn l-emendi huma trasferiti għall-punt "Prattiki tal-vitikultura" tad-Dokument Uniku.

6. **Dħul fil-produzzjoni tad-dwieli żgħar**

Fil-punt VIII tal-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott dwar ir-rendiment u d-dħul fil-produzzjoni tad-dwieli, id-data tad-dħul fil-produzzjoni tad-dwieli tal-Carignan bi dritt għad-denominazzjoni hija mressqa 'l quddiem għas-7 sena ta' wara dik li fiha jkun sar it-tħawwil, minflok id-9 sena, sabiex tiġi affermata l-importanza tal-Carignan fl-espressjoni tal-inbejjed bid-denominazzjoni.

Din l-emenda għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ma taffettwax id-Dokument Uniku.

7. **Karatteristiċi analitiċi tal-prodott**

Fil-punt VII tal-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott dwar l-istat tal-ħsad, il-qawwa alkoħolika proprja minima skont il-volum tiżdied għal 13 % minflok 12 %, u l-maturità tajba tal-għeneb titqies skont il-kontenut ta' zokkor tal-għeneb ta' inqas minn 224 gramma minflok ta' 207 gramma għal kull litru ta' most. Dawn l-emendi għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott jippermettu li l-kundizzjonijiet tal-produzzjoni jiġu adattati aħjar għar-realtajiet tal-art.

Dawn l-emendi jaffettwaw ukoll id-Dokument Uniku, fil-livell tal-karatteristiċi analitiċi tal-prodott deskritti fid-dettall fid-deskrizzjoni tal-inbejjed.

8. **Taħlita ta' varjetajiet tad-dwieli**

Fil-punt IX — Kapitolu I — tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, ir-regoli għat-taħlit tal-varjetà tad-dwieli Carignan jispeċifikaw li l-proporzjon ta' Carignan fit-taħlitiet tal-inbid għandu jkun mill-inqas 30 %. Dan il-proporzjon minimu jippermetti li jiġi affermat il-post jew l-importanza tal-Carignan fl-espressjoni tal-inbejjed bid-denominazzjoni.

Din l-emenda taffettwa wkoll il-punt Prattiki tal-vitikultura tad-Dokument Uniku.

Fl-istess paragrafu, id-dispożizzjonijiet dwar l-imballaġġ huma speċifikati mingħajr tibdil, sabiex jiġi ddikjarat b'mod ċar li l-inbejjed kollha huma bbottiljati fil-fliexken.

Din l-emenda taffettwa wkoll il-punt Prattiki tal-vitikultura tad-Dokument Uniku

9. **L-ippakkjar**

Fil-punt IX — Kapitolu I — tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, fi 3° — Dispożizzjonijiet dwar l-ippakkjar — huwa speċifikat li l-inbejjed kollha huma bbottiljati fil-fliexken. Is-sentenza "Għal-lottijiet kollha ppakkjati" hija sostitwita bi "Il-lottijiet kollha huma bbottiljati fil-fliexken".

Din il-kjarifika taffettwa wkoll il-punt Prattiki tal-vitikultura tad-Dokument Uniku.

10. **Data taċ-ċirkolazzjoni tal-inbejjed**

Fil-punt IX tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott dwar l-ipproċessar u l-ippakkjar tal-inbid, fil-punt 5°) id-data taċ-ċirkolazzjoni tal-inbejjed bejn in-negozjanti u d-distributuri titħassar sabiex l-inbid ikun jista' jiċċirkola bejn l-operaturi kollha u jiġi eliminat kull riskju ta' kompetizzjoni inġusta.

Dan it-tħassir jaffettwa wkoll il-punt Prattiki tal-vitikultura speċifiċi tad-Dokument Uniku.

11. **Rabta maż-żona ġeografika**

Fil-punt X tal-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott dwar ir-rabta maż-żona ġeografika, il-fatturi umani li jikkontribwixxu għar-rabta ġew ikkompletati biex jiġi speċifikat l-intervent tal-produtturi tal-inbid sabiex jiġu żviluppati żona u għarfien partikolari.

Din iż-żieda taffettwa wkoll id-Dokument Uniku fil-punt tal-Karatteristiċi organolettiċi tal-inbid/tal-inbejjed.

Fil-punt X tal-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott dwar ir-rabta maż-żona ġeografika, ġew aġġornati ċ-ċifri dwar il-produzzjoni tal-inbejjed bid-denominazzjoni.

Din id-*data* ġiet aġġornata fil-parti Rabta maż-żona ġeografika tad-Dokument Uniku.

Fil-punt X tal-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott dwar ir-rabta maż-żona ġeografika, ir-rabta kawżali ġiet ikkompletata biex jiġu speċifikati l-kontribut u l-importanza tal-varjetà tad-dwieli Carignan N fl-espressjoni tal-inbejjed bid-denominazzjoni.

Din id-*data* ġiet aġġornata fil-parti Rabta maż-żona ġeografika tad-Dokument Uniku.

12. **Regoli tal-preżentazzjoni u t-tikkettar**

Fil-punt XII tal-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott dwar ir-regoli tal-preżentazzjoni u t-tikkettar, l-isem ġeografiku sħiħ li jista' jitpoġġa fuq it-tikkettar tal-inbejjed huwa "Corbières" u ma għadux "Languedoc", li jikkorrispondi għal żona ġeografika usa'. Iż-żona ta' vitikultura tad-denominazzjoni hija integrata direttament fiż-żona tal-vitikultura tad-DOP "Corbières", li tidentifika b'mod aktar preċiż l-oriġini ġeografika tal-inbejjed.

Din il-kjarifika tiddaħħal ukoll fil-punt Tikkettar tad-Dokument Uniku.

13. **Obbligi ta' dikjarazzjoni għall-kontrolli**

Fil-Kapitolu II tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott dwar l-obbligi ta' dikjarazzjoni għall-produtturi tad-denominazzjoni, ġew miżjuda d-dettalji li ġejjin:

— l-identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art li jistgħu jissaqqew għandha tinhemeż mad-dikjarazzjoni minn qabel tal-irqajja' tal-art użati għall-produzzjoni tad-denominazzjoni.

— l-iskadenza għad-dikjarazzjoni tat-talba li għandha tintbagħat minn kull operatur lill-korp tad-difiża u tal-ġestjoni hija emendata. Din għandha tintbagħat lill-korp tad-difiża u tal-ġestjoni, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Frar tas-sena ta' wara dik tal-ħsad, u mill-inqas għaxart ijiem tax-xogħol qabel ma ssir l-ewwel dikjarazzjoni ta' tranżazzjoni jew ta' ppakkjar.

— id-Dikjarazzjoni ta' tranżazzjoni bejn id-depożitanti awtorizzati għandha timtela. Din għandha tintbagħat lill-ODG, iżda anki lill-korp ta' spezzjoni fil-jum li fih tiġi konkluża t-tranżazzjoni bejn l-operaturi, jew mill-inqas fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara dan u mill-inqas għaxart ijiem tax-xogħol qabel l-irtirar. Minbarra l-identità u l-indirizz sħaħ tal-operatur bejjiegħ, għandha tispeċifika l-kwalità u l-volum tal-inbid kopert mid-dikjarazzjoni, l-annata tal-għeneb tiegħu u l-identità u l-indirizz sħaħ tal-operatur xerrej.

— L-operaturi li jwettqu ppakkjar aktar minn 12-il darba fis-sena, għandhom jibagħtu dikjarazzjoni sommarja tal-ippakkjar lill-ODG u lill-korp ta' kontroll kull xahar.

— Kull operatur li jixtieq jikkummerċjalizza nbid taħt denominazzjoni aktar ġenerali għandu jiddikjarah lill-korp tad-difiża u tal-ġestjoni, u lill-korp ta' kontroll tad-denominazzjoni aktar ġenerali mill-inqas tmint ijiem tax-xogħol qabel dak l-irtirar, sabiex jiġi żgurat li jiġi segwit. Din għandha tispeċifika d-denominazzjoni, il-kulur, l-annata, il-volum u l-post tal-ħżin tal-inbid.Din hija akkumpanjata:

  — Għall-operaturi li huma produtturi tal-inbid, mill-kopja tad-dikjarazzjoni tat-talba fid-denominazzjoni oriġinali;

  — Għall-operaturi mhux produtturi tal-inbid, mill-estratt tal-kontijiet tal-ħażna jew il-kopja tat-tranżazzjoni tal-ingrossa fid-denominazzjoni.

— Kull operatur li jikklassifika mill-ġdid l-inbejjed bid-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata għandu jiddikjaraha lill-korp tad-difiża u tal-ġestjoni, u lill-korp ta' kontroll approvat, "mhux qabel sebat ijiem tax-xogħol" u "mhux aktar tard minn ħmistax-il jum ta' xogħol" wara din il-klassifikazzjoni mill-ġdid.

— Kull operatur għandu jiddikjara l-metodu taż-żabra għal kull roqgħa tal-art lill-korp tad-difiża u tal-ġestjoni, fuq id-dikjarazzjoni minn qabel tal-allokazzjoni tal-irqajja'.

— L-operaturi għandhom iżommu aġġornat ir-reġistru tal-monitoraġġ tal-maturità, b'rekord tal-kontenut ta' zokkor tal-għeneb għal kull unità ta' għelejjel, jew qawwa alkoħolika skont il-volum għal kull kontenitur.

Dawn l-emendi ma jaffettwawx id-Dokument Uniku.

14. PUNTI EWLENIN LI GĦANDHOM JIĠU KKONTROLLATI

It-tabella fil-Kapitolu III tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott hija aġġornata fir-rigward tal-kontroll tal-prodotti. Il-lottijiet kollha huma kkontrollati għal inbejjed ippakkjati.

DOKUMENT UNIKU

1. Isem/ismijiet għar-reġistrazzjoni

Corbières-Boutenac

2. Tip ta' indikazzjoni ġeografika

DOP - Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli

1. Inbid

4. Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed

Karatteristiċi organolettiċi

L-inbejjed huma nbejjed ħomor xotti u bla gass.

Il-Corbières-Boutenac huwa nbid aħmar xott u maturat, li fih il-proporzjon tat-taħlita tal-varjetajiet ta' dwieli Carignan N, Grenache N, Mourvèdre N u Syrah N fit-taħlitiet, huwa ta' 70 % jew aktar. Il-Carignan N għandu jirrappreżenta mill-inqas 30 % ta' kull taħlita. Bħala nbid li qed jimmatura, għandu jitkabbar sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara l-ħsad, inkluż mill-inqas xahrejn fil-flixkun sabiex tiġi rfinata l-istruttura tannika tiegħu.

Ġeneralment, l-inbejjed ikollhom kulur skur b'riflessi vjola meta jkunu żgħar. Huma jiżviluppaw irwejjaħ ta' ħwawar u ta' frott misjur. Huma qawwijin u ġenerużi fil-palat, mibnija fuq tannini miksija u armonjużi, flimkien ma' noti ħelwin ta' moka, ħwawar u karamella. Huma persistenti, qawwija u invitanti.

Karatteristiċi analitiċi

L-inbejjed ħomor għandhom qawwa alkoħolika proprja minima skont il-volum ta' 13 %.

Il-lottijiet ta' nbid lesti biex jiġu kkummerċjalizzati għandu jkollhom kontenut ta' zokkor fermentabbli (glukożju u fruttożju):

— ta' 3 grammi jew inqas għal kull litru, għall-inbejjed b'qawwa alkoħolika proprja skont il-volum ta' 14 % jew inqas;

— ta' 4 grammi jew inqas għal kull litru, għall-inbejjed b'qawwa alkoħolika proprja skont il-volum ta' aktar minn 14 %.

L-inbejjed lesti biex jiġu kkummerċjalizzati, bl-ingrossa jew ippakkjati, għandhom kontenut ta' aċidu maliku ta' 0,4 gramma jew inqas għal kull litru. Il-kontenut ta' aċidità totali, aċidità volatili u diossidu tal-kubrit totali huma dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE.

Karatteristiċi analitiċi ġenerali	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima:	
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

a. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi*

Prattika enoloġika speċifika

— L-użu ta' laqx tal-injam huwa pprojbit;

— Kwalunkwe trattament bis-sħana tal-ħsad b'temperatura ogħla minn 40 °C huwa pprojbit.

— Minbarra d-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, l-inbejjed għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-livell tal-UE u fil-Kodiċi Rurali fir-rigward tal-prattiki enoloġiċi.

— L-użu ta' magni tal-inbid kontinwi, preses kontinwi, magni ċentrifugi għat-tneħħija taz-zokk (magni vertikali għat-tneħħija taz-zokk) u katusi bil-kamin huwa pprojbit.

Fit-taħlitiet tal-inbid:

— Il-proporzjon tal-varjetajiet ta' dwieli kollha ta' Carignan N, Grenache N u Mourvèdre N huwa ta' 70 % jew aktar.

— Il-preżenza tal-varjetà ta' dwieli Carignan N hija ta' mill-inqas 30 % fit-taħlita.

— Varjetà ta' dwieli ma tistax tammonta għal aktar minn 80 % tat-taħlita.

— L-inbejjed jitħallew jimmaturaw mill-inqas sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara l-ħsad, inkluż mill-inqas xahrejn fil-flixkun.

— Fi tmiem il-perjodu tal-maturazzjoni, l-inbejjed jitqiegħdu fis-suq għall-konsumatur mill-1 ta' Jannar tat-tieni sena wara dik tal-ħsad.

— Il-lottijiet kollha jiġu bbottiljati fil-fliexken.

Prattika ta' kultivazzjoni

Id-densità minima tat-tħawwil tad-dwieli hija ta' 4 400 pjanta għal kull ettaru. Id-distanza bejn ir-ringieli ma għandhiex tkun aktar minn 2,50 metri.

Kull pjanta għandha erja massima ta' 2,25 metri kwadri. Din l-erja tinkiseb billi jiġu mmultiplikati d-distanzi bejn ir-ringieli u d-distanzi tal-ispazjar bejn il-pjanti fl-istess ringiela. Għad-dwieli mħawlin fi kwadru jew f'ringieli irregolari u f'forma ta' sġajriet (gobelet), kull pjanta għandha erja massima ta' 3 metri kwadri.

Fil-każ tas-sistema gobelet, id-dwieli jinqatgħu f'żabra qasira b'massimu ta' 6 fergħat għal kull pjanta. Kull fergħa għandu jkollha massimu ta' 2 rimjiet.

Fil-każ tas-sistema Cordon de Royat, id-dwieli jinqatgħu f'żabra qasira:

— jew b'massimu ta' 6 fergħat għal kull pjanta, fejn kull fergħa jkollha massimu ta' 2 rimjiet;

— jew b'massimu ta' 10 fergħat għal kull pjanta, fejn kull fergħa jkollha massimu ta' rimja waħda.

L-irrigazzjoni tista' tiġi awtorizzata.

It-tagħbija medja massima għal kull roqgħa tal-art hija stabbilita għal 7 000 kilogramma għal kull ettaru. Meta tkun awtorizzata l-irrigazzjoni, it-tagħbija medja massima fuq ir-roqgħa tal-art imsaqqija hija stabbilita għal 5 500 kilogramma għal kull ettaru.

Għeneb li fih inqas minn 224 gramma zokkor għal kull litru ta' most ma jistax jitqies bħala kompletament misjur.

L-għeneb mill-varjetà ta' dwieli tal-Carignan N jinqata' bl-idejn u huwa ttrasportat kollu fil-post tal-vinifikazzjoni.

b. *Rendimenti massimi*

50 ettolitru għal kull ettaru

6. **Żona ġeografika demarkata**

Il-qtugħ tal-għeneb, il-vinifikazzjoni, il-preparazzjoni, il-maturazzjoni, u l-ippakkjar tal-inbejjed għandhom isiru fit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin tad-département ta' Aude abbażi tal-kodiċi ġeografiku uffiċjali għas-sena 2019: Boutenac, Fabrezan, Ferrals-les-Corbières, Lézignan-Corbières, Luc-sur-Orbieu, Montséret, Ornaisons, Saint-André-de-Roquelongue, Saint-Laurent-de-la-Cabrerisse, Thézan-des-Corbières.

7. **Varjetà ewlenija/varjetajiet ewlenin tal-għeneb li minnu jinkiseb/jinkisbu l-inbid/l-inbejjed**

Carignan N

Grenache N

Mourvèdre N - Monastrell

Syrah N - Shiraz

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

Fiċ-ċentru tad-département ta' Aude, bejn Carcassonne u Narbonne, madwar il-"Pinada de Boutenac", li jinsab f'altitudni ta' 273 metru, iż-żona ġeografika hija demarkata:

— minn tliet xmajjar, Orbieu, lejn it-tramuntana, Aussou, lejn il-Lvant, u Nielle lejn il-Punent;

— lejn in-Nofsinhar, mill-pjanuri tal-franka ta' Thézan-des-Corbières u Saint-Laurent-de-la-Cabrerisse.

Din l-unità ġeografika ta' Nofsinhar/il-Lbiċ hija kkaratterizzata minn topografija ħafifa li tikkonsisti minn sensiela ta' għoljiet żgħar, "serer" tawwalin u uċuħ tar-raba' miksija bis-siġar tal-arżnu.

Il-vinji jokkupaw il-maġġoranza tal-għoljiet sa altitudni ta' madwar 180 metru. Fi klima Mediterranja, il-vinji koperti mid-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata "Corbières-Boutenac", li huma protetti sew minn kuruna ta' għoljiet mill-influwenzi marittimi u soġġetti għall-influwenza tar-riħ tal-Majjistral, għandhom ħamrija rqiqa b'livell għoli ta' ġebel iżda fonda biżżejjed biex tippermetti għeruq tajbin.

Il-kundizzjonijiet naturali jiffavorixxu maturità eċċellenti, u jevitaw in-nixfa mill-ilma fis-sajf. Madankollu, il-bilanċ tal-veġetazzjoni qed jiġi akkwistat gradwalment u dan jiġġustifika dħul fil-produzzjoni tardiv għall-aktar varjetajiet ta' dwieli b'saħħithom, bħall-varjetajiet ta' dwieli Mourvèdre N u Carignan N.

Dawn il-kundizzjonijiet naturali huma partikolarment favorevoli għall-varjetajiet ta' dwieli storiċi Mediterranji, Grenache N, Mourvèdre N u Carignan N, u wrew li huma adattati sew għall-varjetà ta' dwieli Syrah N introdotta fil-Languedoc-Roussillon fil-bidu tas-snin 80. F'temp mill-iktar frisk, dawn tal-aħħar jipprovdu noti aromatiċi mixtieqa u oriġinali.

Il-Carignan N, varjetà ta' dwieli rustika, tiflaħ sew għar-riħ u ta' n-nixfa. Il-produtturi tal-inbid idealment iħawlu din il-varjetà fl-ifqar ħamrija tat-territorju ta' "Boutenac", li huwa l-ambjent naturali ppreferut. L-inbejjed ta' età żgħira għandhom tannini ħorox u qawwija li jimmaturaw matul il-perjodu xieraq tal-maturazzjoni.

Il-varjetà ta' dwieli Grenache N tiffavorixxi l-ħamrija ċagħqija. Din tadatta għar-riħ, għal temp sħun, li mbagħad tissarraf f'varjetajiet bi kwantitajiet kbar b'noti ta' frott, u b'kontenut alkoħoliku għoli.

Il-varjetà ta' dwieli Mourvèdre N tippredomina f'ambjenti fejn il-ħamrija hija sħuna ħafna u għandha ċirkolazzjoni tal-ilma tajba. Wara aġġustament bil-mod, li ma jinvolvix il-produzzjoni tagħha fil-varjetajiet sa wara s-6 sena ta' tħawwil, iġib noti sottili u togħma ta' tannini apprezzati ħafna.

Il-ħamrija, il-klima u l-għarfien uman fit-tħawwil tal-varjetajiet ta' dwieli , il-metodu ta' kultivazzjoni (żbir qasir għal varjetajiet ta' dwieli Mediterranji), prattiki ta' kultivazzjoni (ħsad manwali) u l-maturazzjoni (sena waħda obbligatorja, li tinkludi xahrejn fil-flixkun biex jirfinaw l-inbejjed), jgħinu biex jinkiseb prodott oriġinali, innotat fi ħdan il-"Corbières" permezz tar-rikonoxximent bħala Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata fl-2005.

Bl-integrazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-produzzjoni ta' perjodu ta' maturazzjoni fil-fliexken fiż-żona ġeografika demarkata u fiż-żona fil-viċinanza immedjata, il-produtturi stabbilew għalihom infushom l-objettiv li jħarsu aħjar il-kwalità u l-ispeċifiċità tal-prodott u, konsegwentement, ir-reputazzjoni tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata.

Madankollu, din id-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata żagħżugħa għandha storja vitikulturali twila. Il-vinji kienu diġà preżenti fi żmien ir-Rumani, kif tixhed l-eqdem referenza għall-vitikultura fir-reġjun ta' Corbières, "Villa major", li saret "Villemajou" u li tinsab fil-commune ta' Boutenac fil-qalba taż-żona ġeografika.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli (ippakkjar, tikkettar, rekwiżiti addizzjonali)**

Qafas ġuridiku:

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Iż-żona fil-viċinanza immedjata, iddefinita b'deroga għall-produzzjoni, il-preparazzjoni, il-maturazzjoni u l-ippakkjar tal-inbejjed, hija ffurmata mit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin tad-département ta' Aude abbażi tal-kodiċi ġeografiku uffiċjali tas-sena 2019: Bizanet u Narbonne.

Qafas ġuridiku:

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

a) It-tikkettar tal-inbejjed bid-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata jista' jispeċifika l-isem ta' unità ġeografika iżgħar bil-kundizzjoni li:

   — jirrigwarda post irreġistrat;

   — jidher fuq id-dikjarazzjoni tal-ħsad.

   L-isem tal-post irreġistrat għandu jkun stampat b'ittri li d-daqs tagħhom ma jkunx akbar, fl-għoli jew fil-wisa', min-nofs id-daqs tal-ittri li jiffurmaw l-isem tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata.

b) It-tikkettar tal-inbejjed bid-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata jista' jispeċifika l-unità ġeografika iktar ġenerali "Corbières".

Id-daqs tal-ittri ta' din l-unità ġeografika usa' ma għandux ikun akbar, fl-għoli jew fil-wisa', minn nofs id-daqs tal-ittri li jiffurmaw l-isem tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata.

Qafas ġuridiku:

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' kundizzjoni addizzjonali:

L-ippakkjar fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

L-inbejjed jiġu mmaturati mill-inqas sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara l-ħsad, inkluż mill-inqas xahrejn fil-flixkun.

Bl-integrazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-produzzjoni ta' perjodu ta' maturazzjoni fil-fliexken fiż-żona ġeografika demarkata u fiż-żona fil-viċinanza immedjata, il-produtturi stabbilew għalihom infushom l-objettiv li jħarsu aħjar il-kwalità u l-ispeċifiċità tal-prodott u, konsegwentement, ir-reputazzjoni tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://info.agriculture.gouv.fr/gedei/site/bo-agri/document_administratif-eb40cd8d-b50b-496a-9338-b05361e352b3